MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 237/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**John Portelli**
**Mark Anthony Farrugia**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-21 ta' Awissu, 2010 għal ħabta tal-3.45am fil-Post magħruf bħala l-Valletta Waterfront sitwat fit-Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra, Floriana bhala l-*licensees* u/jew il-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-*Browns Bar* liema stabilliment li huwa kkunsidrat bhala lokalita` ta' divertiment skond l-Art 2 ta' L.S. 10.40, hallew jew ippermettew lil Michael Zammit ditentur ta' Karta tal-Identita`456793M u lil Luke Wood ditentur ta' Karta tal-Identita` 29894M u lil Clyde Aquilina ditentur tal-karta ta' l-identita 436595M ilkoll persuni ta' taht is-17 il-sena li jidhlu gewwa l-imsemmi stabbiliment ta' divertiment u jew ippermettew li jigu servuti, mibjugha jew ikkunsmati imbejjed, birer jew xorb. Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz

ta’ htija tapplika l-pieni skond kif tentut fl-Art 15 L.S. 10.40 u cioe €233 ghal kull persuna ta’ taht is-17 il-sena li nstabet fl-istabiliment imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Mejju, 2011 fejn il-Qorti ma sabitx ħtija u lliberat lil appellati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu pprezentat fl-25 ta’ Mejju, 2011 fejn talab lil Qorti biex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ssib lill-appellati hatja skond l-akkuzi, u konsegwentament tinfliġġi fil-konfront tagħhom il-piena idonea skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, huma s-segwenti u cioe':-
Illi fit-13 ta’ Mejju, tas-sena elfejn u hdax (2011), l-esponent irċieva l-atti tal-kawza u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali (l-Ewwel Onorabbli Qorti) kienet manifestament żbaljata meta lliberat lill-appellanti John Portelli u Mark Anthony Farrugia;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsistit f’ li l-ewwel Onroabbli Qorti, ma setgħet qatt legittimament u raġjonevolment tillibera lill-appellati abbażi tal-fatt li, skond l-istess Onorabbli Qorti, “il-provi li gew prodotti mill-prosekuzjoni huma ‘detto del detto’”.

Illi ghalkemm huwa minnu li t-tliet minuri involuti (Clyde Aquilina, Michael Zammit u Luke Wood) ma kienux prezenti in Awla ghax ma kienux notifikati, il-Prosekuzjoni pproduciet bhala xhud viva-voce lill-Avukat Dottor Michael Camilleri, in rapprezentanza ta’ l-Awtorita` Maltija dwar it-Truizmu (MTA), li esebixxa Dok MT a fol 16 ta’ l-Atti proċesswali, kif ukoll esebiet affidavit ġuramentat ta’ PS1417 S.Tarpey (a fol 4 et seq ta’ l-Atti proċesswali).

Illi filwaqt li x-xhieda ta' Dottor Camilleri, sostnuta b' Dok. MT esebit, tikkonferma lillhin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellat John Portelli huwa l-licencee ta' l-istabbiliment in kwistjoni, l-affidavit ġuramentat tas-Surgent 1417 S. Tarpey jispjega bl-aktar mod car u inekwivoku kif saru l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u kif il-minuri Clyde Aquliina, Michael Zammit u Luke Wood it-tlieta li huma ammettew mal-Pulizija li kienu fl-istabbiliment in kwistjoni fid-data u hin de quo. Di piu`, jirrizulta wkoll mill-istess affidavit li l-appellat l-ieħor Mark Anthony Farrugia kien il-persuna responsabbli mill-istabiliment dak il-ħin.

Illi b'kull rispett, l-affidavit tas-Surgent Tarpey m'hijiex detto del detto. Li kieku fl-affidavit tiegħu is-Surġent jgħid li kien hemm terza persuna li qaltlu li rat lil Aquilina, Zammit u Wood fl-istabbiliment, hemmhekk l-istorja kienet tkun differenti. Pero' fil-kaz in diżamina, it-tliet minuri direttament involuti ammettew personalment u direttament mas-Surgent li iva huma kienu fl-istabbiliment in kwistjoni fid-data u hin de quo. Din hija prova fiha nnifisha. L-esponent jikkonċedi li kien ikun aktar desiderabbli li kieku l-minuri telgħu jixhdu viva voce quddiem l-Ewwel Qorti, imma l-Prosekuzjoni ma setgħetx tirrintraccjahom fl-indirizz mogħti minnhom u considerando li hawn si tratta ta' kawza sommarja, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li tkompli bil-porsegwiment tal-kawża. Mill-banda l-ohra, pero` wieħed ma għandux ghalfejn ragjonevolment jahseb li s-Surgent seta` gideb meta qal, bil-gurament, li l-minuri ammettew miegħu li kienu fil-fond in kwistjoni! Lanqas id-difiża ma talbet li tagħmel kontro-eżami ta' dan ix-xhud. Kwindi l-istat ta' fatt inkontestat huwa li l-minuri Clyde Aquilina, Michael Zammit u Luke Wood it-tlieta li huma ammettew mal-Pulizija li kienu fl-istabbiliment in kwistjoni fid-data u ħin indikati fl-akkuża fil-konfront ta' l-appellati.

Illi kwindi, fil-fehma ta' l-espoent, l-akkuzi fil-konfront tal-appellati gew sodisfaċjenti ippruvati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, liema Qorti, bid-dovut rispett, kienet

legalment skorretta meta skartat l-affidavit tas-Surgent Tarpey bħala detto del detto.

Ikkunsidrat

**In-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija**

Li matul it-trattazzjoni l-avukat ta' wieħed mill-appellati ssottometta li l-Nota tal-Kummissarju hija intestata 'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja' meta din kellha tkuin intestata 'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.' Kienet din l-aħħar Qorti li tat is-sentenza u mhux dik indikata mill-Pulizija fin-Nota tagħhom. Għalhekk in-Nota daħlet fil-Qorti żbaljata u dan, meta skont l-istess appellat, din in-Nota hija ekwivalenti għal meta l-imputat jitlob is-sospensjoni tas-sentenza.

L-artikolu 414 tal-Kap 9 jgħid hekk:

Talba mill-Pulizija
biex jintbagħtu l-atti
tal-kawża lill-
Avukat Ġenerali.

*'414. (1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.'*

Il-funzjoni ta' dan l-artikolu huwa li joħloq obbligu fuq il-Qorti li tagħti s-sentenza li tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali sabiex dan jara jintavolax appell jew le. Effettivament, mhux l-ewwel darba li l-Pulizija jagħmlu din in-Nota u l-Avukat Ġenerali, wara li janalizza l-atti, ma jappellax. Dan

l-artikolu jinsab fil-Liġi minħabba li l-Avukat Ġenerali ma jkunx il-Prosekutur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kemm jekk din tkun qed teżerċita l-funzjoni tagħha skont il-ġurisdizzjoni oriġinali li għandha skont l-artikolu 370 tal-Kap 9 jew taħt xi Liġi oħra jew minħabba lit kun qed teżerċita l-ġurisdizzjoni estiża tagħha meta l-piena taqa' taħt l-erba' snin priġunerija jew meta tibda bħala Qorti Istruttorja u wara l-Avukat Ġenerali jibgħat l-artikoli.

Għalhekk kienet korretta s-sottomissjoni tal-appellat li din in-Nota kellha tkun intestata mod ieħor minn dak li hemm a fol 20.

Iżda mbagħad wieħed irid jara jekk dan kollu jwassalx għan-nullita' tal-appell mill-Avukat Ġenerali. Il-Qorti qieset dawn il-fatturi:

(a) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma tistax tagħti sentenzi. Tasal biss sa digrieti.

(b) Li l-funzjoni tan-Nota jibqa' primarjament li joħloq dmir fuq il-Qorti li tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali u f'din in-Nota ma jkun hemm ebda sottomissjoni.

(ċ) Li intestatura erronea ma tista' twassal għall-ebda konfużjoni għax effettivament hija Qorti inferjuri waħda li tista' tagħti sentenzi ta' natura kriminali u m'hemm ebda Qorti Inferjuri oħra li tista' tagħmel dan.

(d) Li kienet tkun storja oħra kieku l-appell tal-Avukat Ġenerali kien intavolat fil-Qorti Kriminali flok fil-Qorti tal-Appell Kriminali bħalma fi proċeduri ċivili jew kostituzzjonali fi stadju ta' appell wieħed ikun intavola l-appell tiegħu fil-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) flok fil-Qorti Kostituzzjonali jew bil-maqlub. Hawn ir-rikors kien jispiċċa quddiem Qorti li ma tkunx kompetenti li tisma' l-każ hi. Fil-każ ta' llum dan assolutament ma seħħx għaliex ir-rikors spiċċa fil-Qorti kompetenti. Għalkemm ukoll fil-kamp ċivili, meta kien jeżisti l-Qorti tal-Kummerċ, fl-aħħar emendi kienet tneħħiet in-nullita' għaliex dak iż-żmien iċ-ċitazzjoni kienet tispiċċa quddiem il-Prim'Awla

flok il-Qorti tal-Kummerċ jew bil-maqlub, kulma kien qed jiġri huwa li l-Qorti, jekk erroneament adita, kienet tgħaddi l-proċess lill-Qorti l-oħra. Dan kien in linea ma' prattiċi moderni f'pajjiżi oħrajn fejn kienu diġa' bdew jintnaqqsu sew in-nullitajiet tal-atti. (Ara fost l-oħrajn ir-riforma mill-qiegħ li saret fil-Proċedura Ċivili Franċiża fis-sena 1982).

(e) Fuq kollox, il-Qorti qed tqis ukoll xi żviluppi li saru kemm f'Malta (Il-Pulizija vs Norman Lowell) kif ukoll fil-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara applikazzjoni 49000/06 iżjed 'l isfel fejn kemm jista' jkun l-aċċess għall-Qorti tal-Appell mhux qed ikun imxekkel b'ħafna formaliżmu tradizzjonali. Fil-każ 'Antonopoulou and Others versus Greece' (Applikazzjoni numru 49000/06) il-Qorti Ewropea qieset li meta Qorti tal-Appell Griega ċaħdet
id-dritt ta' appell fuq punti ta' dritt minħabba li ma kienx hemm dettalji dwar il-fatti, dik il-Qorti kienet qed tieħu attitudni formalistika żżejjed dwar il-kondizzjonijiet biex isir appell u li konsegwentement ir-ristrizzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għall-aċċess għall-Qorti ma kienx proporzjonat meta wieħed iqis l-għan taċ-ċertezza legali jew 'due process'.[1]

*'35. Dès lors, les faits de la cause, tels qu'ils avaient été établis par la cour d'appel, ont été portés à la connaissance des juges dès le dépôt du pourvoi en cassation. Par conséquent, la Cour estime qu'en rejetant*

---

[1] Antonopoulou and Others v. Greece (no. 49000/06)*

The applicants, Vagia Antonopoulou, Dimitrios Chrysafis, Emmanouil Mantousis and Nikiforos Mantousis, are Greek nationals. They own land along the main highway between Thessaloniki and Nea Moudania (Greece). In a judgment of 16 April 2009 the Court found that there had been a violation of Article 6 § 1 (right to a fair hearing) and Article 1 of Protocol No. 1 (Article 1 of Protocol No. 1 (protection of property). It took the view that the rejection of a ground of appeal on points of law, of which the applicants had complained, constituted an over-formalistic approach to the admissibility conditions for the appeal and that, consequently, the restriction on the applicants' right of access to a court had not been proportionate to the aim of guaranteeing legal certainty or due process.

*ces moyens pour une telle raison de forme, la Cour de cassation ne répondit nullement aux problèmes spécifiques soulevés par les requérants et porta une entrave excessive à leur droit d'accès à un tribunal (voir, mutatis mutandis, Zouboulidis c. Grèce, n$^{o}$ 77574/01, § 31, 14 décembre 2006 ; Vasilakis c. Grèce, n$^{o}$ 25145/05, § 34, 17 janvier 2008, et Liakopoulou c. Grèce, n$^{o}$ 20627/04, § 24, 24 mai 2006).'*

Għar-raġunijiet li jidhru fil-paragrafi (a) sa (e), il-Qorti qed tiddeċiedi li m'hemm ebda nullita' fil-proċeduri u li l-każ jista' jitkompla. Dan ma jneħħix l-oneru fuq l-uffiċjal tal-Pulizija li jkun responsabbli milli jdaħħal in-Nota milli jkun aktar preċiż.

**Il-Hearsay Rule.**

L-Avukat Ġenerali ssottometta li dak li hemm fl-affidavit ta' PS 1417 S.Tarpey mhux hearsay evidence għaliex kienu t-tliet ġuvintur minuri li kellmu direttament lill-PS 1417 S Tarpey.

Il-Qorti eżaminat l-affidavit li jidher li fih paġni 4 u 6 li huma ripetuti f'paġini 10 u 12. Imbagħad hemm ukoll il-paġina 8 u l-paġina 14. Din l-aħħar paġina tidher li tkompli mal-paġina 12. Il-paġina 11 tidher li hija kopja tal-paġina 8 li bi żball ħarġet fuq il-parti ta' wara tal-karta formola tal-affidavit.

Minn dan l-affidavti jirriżulta wkoll li PS 1417 S Tarpey kellem liż-żewġ appellati wkoll – kemm lil Mark Anthony Farrugia (fol 8) kif ukoll lil John Portelli (fol 12). Mill-affidavit jirriżulta li dan ix-xhud kien qal lill-appellati li kien irriżultalu li fil-ħanut Browns kien hemm tliet ġuvintur taħt l-eta' u li x-xhud kien ser jieħu passi kriminali talli l-appellati kienu ippermettew lil dawn it-tliet ġuvintur li kienu taħt i17-il sena jidħlu fil-ħanut meta dawn ma kellhomx permess li jagħmlu hekk.

Mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll li John Portelli huwa l-licensee ta' Vault 13 Valletta Waterfront, Pinto Wharf,

Florian (skont dokument  a fol 16) ippreżentat mill-Avukat Dr.Michael Camilleri.

Fil-verbal a fol 3 jirriżulta li kien xehed John Portelli wkoll u li x-xhieda msejħa tliet darbiet ma dehrux u ma kienet ippreżentata ebda notifika.

Mill-affidavit tal-Prosekuzzjoni ma jirriżultax li l-appellati qalu xi ħaġa lill-PS 1417 S Tarpey
dwar l-imputazzjoni dedotta kontrihom.

L-affidavit fih x'qalu t-tliet ġuvintur.  Dana jitqies bħala hearsay evidence għax ma ntqalx direttament mill-appellati.  Dawn it-tliet ġuvintur kellhom jittellgħu biex jixhdu dwar il-fatti huma.  Mill-bqija dak li qalu dawn it-tliet ġuvintur lill-PS Tarpey huwa biss prova li ntqal dak il-kliem.  Il-każ l-aktar ikkwotat dwar dan huwa 'Subramaniam v Public Prosecutor (1956)' fejn intqal hekk:

'Evidence of a statement made to a witness….may or may not be hearsay.  It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement.  It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made.'
Il-Qorti eżaminat ukoll l-artikolu 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9.  Huwa manifest li dawn it-tliet ġuvintur setgħu ttellgħu jixhdu dwar x'seħħ fil-jum indikat. Għalehkk ebda eċċezzjoni għall-hearsay rule kkontemplata fl-artikolu 599 tal-Kap 12 ma tapplika.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravju tal-Avukat Ġenerali u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet premessi 'Il-Pulizija versus John Portelli u Mark Anthony Farrugia' fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------